# Lingwa Spanjola

L-i**Spanjol** huwa l-lingwa uffiċjali ta’ Spanja, kif ukoll ta’ ħafna mill-pajjiżi tal-Amerika Latina li kienu kolonja ta' Spanja, Portugall u waħda mil-iktar lingwi mitħaddta f’Puerto Rico. Huwa wieħed mis-sitt lingwi uffiċjali tal-Ġnus Magħquda. Madwar erbatax il-miljun u nofs persuna li jitkellmu bl-Ispanjol jgħixu l-Istati Uniti tal-Amerika u madwar id-dinja jitkellmuh madwar 500 miljun. L-Ispanjol huwa t-tieni lingwa l-aktar mitkellma fid-dinja, wara ċ-Ċiniż, u qabel l-Ingliż, l-Urdu u l-Għarbi.

L-Ispanjol oriġina ruħu l-ewwel bħala djalett Latin u uħud mil-pajjiżi li kienu jitkellmuh kienu Burgos u Cantabria. Imbagħad mal-medda taż-żmien beda jinfirex u spiċċa biex sar il-lingwa prinċipali tal-gvern. Ftit taż-żmien wara l-Ispanjol infirex mal-kontinent Amerikan u f-partijiet fl-aħħar ħames sekli permezz tal-esploraturi u kolonizzaturi Spanjoli.

| **Spanjol (*Español*)** | |
|---|---|
| **Mitkellma fl-** | Spanja |
| **Reġjuni:** | Ewropa, Amerika, Ginea Ekwatorjali |
| **Kelliema:** | 559 miljun |
| **´Familja**: | Lingwi Rumanzi |
| **Uffiċjali** | |
| **Lingwa uffiċjali ta'**: | |
| **Regolati**: | *Asociación de Academias de la Lengua Española* |
| **Kodiċijiet** | |
| **ISO 639-1:** | es (http://www.sil.org/iso639-3/documentation.asp?id=es) |
| **ISO 639-2:** | spa (http://www.sil.org/iso639-3/documentation.asp?id=spa) |
| **ISO 639-3:** | spa (http://www.sil.org/iso639-3/documentation.asp?id=spa) |
| **SIL:** | spa (http://www.sil.org/iso639-3/documentation.asp?id=spa) |

Ara ukoll: Lingwa

Miksub minn "https://mt.wikipedia.org/w/index.php?title=Lingwa_Spanjola&oldid=248378"

**L-aħħar bidla fuq il-paġna: 12:07, 24 Fra 2017.**

It-test huwa disponibbli taħt il-Liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike; jistgħu japplikaw xi kundizzjonijiet oħra. Ara l-kundizzjonijiet tal-użu għal aktar dettalji.